Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1342

24.8.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1342

tas-17 ta' Ġunju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat il-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE ([2]).

(2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-partijiet, inkluża l-Unjoni.

(3) Il-paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 25-06 jemenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 19-05 ([3]) billi jippermetti lill-partijiet kontraenti tal-ICCAT li jilħqu l-limiti ta' ħatt l-art tagħhom tal-marlin blu u tal-marlin abjad/il-pastardella imperjali jiskartaw il-qabdiet tagħhom.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn dik ir-Rakkomandazzjoni u d-dritt tal-Unjoni, l-obbligu ta' ħatt l-art fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jenħtieġ li ma japplikax għall-bastimenti tal-Unjoni li jipparteċipaw fis-sajd kopert minn dik ir-Rakkomandazzjoni.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 ([4]) jiġi emendat biex titqies id-deċiżjoni meħuda mill-ICCAT.

(6) Peress li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq il-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun,

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Parigi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj).
([3]) https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2019-05-e.pdf.
([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/98/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 5b*

Marlin blu u marlin abjad/pastardella imperjali

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ladarba l-Istati Membri jkunu laħqu l-kwoti tagħhom, il-qabdiet kollha tal-marlin blu u tal-marlin abjad/il-pastardella imperjali għandhom jiġu skartati.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN